**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 27 ta' April, 2017

Rikors Guramentat numru : 42/12 AL

**AB**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat mill-attrici, li premezz tieghu ppremettiet :

Illi r-rikorrenti kellha relazzjoni mal-intimat liema relazzjoni illum spiccat b'mod definittiv meta r-rikorrenti kienet tqila bit-tifel minuri S B;

Illi minn dina r-relazzjoni twieled l-minuri S B ta' sena u nofs (Vide Att ta' Twelid hawn anness bhala Dok FC 1);
Illi r-rikorrenti taf bic-cert illi l-missier naturali tat-tifel huwa l-intimat C D;

Illi skont l-att ta' twelid in kwistjoni it-tifel gie rregistrat bhala *'unknown father'* u dana peress illi huwa ma giex rikonuxxut mill-intimat C D bhala l-missier naturali tieghu;

Talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet su indikati :

1. Tiddikjara l-minuri S B huwa l-wild naturali tal-intimat C D u dana okkorrendo anke permezz tal-hatra tal-perit nominandi;
2. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex minn fuq ic-certifikati tat-twelid tal-minuri fil-kolonna fejn hemm indikat *'isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier',* jithassru l-kliem *'Unknown Father'* u tordna li jigu ssostitwiti bl-isem il-missier naturali u cioe' "C D (Pieta, Malta)" u b'kwalunkwe dettalji ohra relattivi u tordna u tawtorizza kull modifika ohra necessarja fid-dawl tal-ewwel talba u jekk ikun mehtieg f'kull att iehor relattiv u sussegwenti;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li permezz taghha eccepixxa (fol 13) :

1. Illi preliminarjament l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi istruttorji għalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha konċernanti sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-**Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. Illi bla ħsara għall-premess f'każ li tintlaqa' l-ewwel t-talba attriċi l-esponenti jinvita lill-intimat C D sabiex permezz ta' nota jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-Identità, (3) l-età tiegħu meta twieled il-minuri S B, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta

twieled l-imsemmi minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieled it-tifel S B. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferit S B;

3. Illi bla preġudizzju għas-suespost il-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandu jassumi l-minuri S B a tenur tal-**Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

4. Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat illi l-konvenut, minkejja li ġie debitament notifikat[1], naqas illi jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu, u lanqas ma deher għall-udjenzi miżmuma mill-Qorti; Illi għalhekk huwa kontumaċi, kif ġja ġie ddikjarat fl-udjenza tat-28 ta' Jannar 2014[2].

Rat illi l-kawza tħalliet għas-sentenza għallum;

Rat l-artikolu 86A, subinċiż (1) tal-Kodiċi Ċivili[3], illi jistipula li: *"L-omm ta' iben imnissel jew imwieled barra miż-żwieġ li ma jiġix magħruf mill-missier, u dak l-istess tifel, jistgħu f'kull żmien iressqu talba ġudizzjarja biex tiġi stabbilita l-paternità tat-tifel u*

---

[1] Fit-18 ta' Novembru 2013, riferta fol. 38

[2] Fol. 40 tal-proċess.

[3] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta

*biex il-qorti tordna r-reġistrazzjoni ta' dik il-paternità fl-atti tal-istat ċivili relattivi."*

Rat l-affidavit tal-**attriċi**[4] fejn hija tispjega illi kellha relazzjoni mal-konvenut D li damet għal madwar ħames xhur. F'Awwissu 2009, hija ħarġet tqila meta kienu Għawdex għat-tiġrijiet taż-żwiemel li jsiru fi żmien il-festa ta' Santa Marija. Malli saret taf bit-tqala, fil-21 ta' Settembru 2009, mill-ewwel infurmat lill-konvenut. Meta saret taf li t-tarbija kellha tkun tifel, hija wkoll informatu iżda ma rrispondihiex. Anke meta twieled it-tifel fl-24 ta' Mejju 2010, kienet informatu iżda reġa ma rrispondihiex.

Iżżid illi meta kienet għadha tqila, kien xtara *pushchair* għat-tarbija u bagħtu d-dar tal-attriċi mal-ġenituri tiegħu.

L-ewwel darba li ra lit-tifel kien meta l-minuri kellu tliet xhur u nofs. Il-konvenut kien mar jarah ma' oħtu Silvienne. Meta ġie biex jitlaq kien taha n-numru tal-mobile u qalilha biex jibqgħu in kuntatt minħabba t-tifel.

Iżżid li finanzjarjament kull ma kkontribwixxa għat-tifel kien €60 b'kollox u cioe €20 kull darba li ra lit-tifel u cioe meta rah l-ewwel darba, fil-31 ta' Diċembru 2010 fejn ħadlu wkoll xi ħwejjeġ, u t-tielet darba fit-8 ta' Diċembru 2011.

Semgħet lill-**konvenut C D** jixhed[5] fejn dana oltre illi ta d-dettalji tiegħu ikkonferma li huwa kellu relazzjonijiet intimi mal-attriċi ftit qabel ma ħarġet tqila, imma mhux ħafna. Huwa sostna li kien jitlobha t-test tad-DNA iżda dan ma sarx, allura ma baqax jagħti każ.

Rat ir-**rapport tad-DNA** redatt minn Dr. Marisa Cassar, li ġiet maħtura mill-Qorti għal dan il-għan permezz ta' digriet iddatat l-

---

[4] Fol. 43 tal-proċess

[5] Seduta tal-14 ta' Jannar 2015, fol. 52

14 ta' Jannar 2015[6], u ppreżentat minnha fid-29 t'April 2015[7]. Dr. Cassar ikkonfermat bil-ġurament[8] li hija ħadet il-kampjun orali ta' A Lucy Michelle B (ID 441801L) l-attriċi, S B (il-minuri) u tal-konvenut C D (ID 348888M) sabiex ikunu jistgħu isiru t-testijiet ġenetiċi tad-DNA. Mit-testijiet li għamlet, irriżulta illi C D (ID 348888M) huwa l-missier naturali ta' S B.

Rat illi d-dettalji tal-konvenut C D kif mitluba mill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku huma s-segwenti[9]:

1) Isem u kunjom: C D
2) Id-dokument tal-identita`: 348888(M)[10]
3) L-eta` tiegħu meta twieled il-minuri: 21 sena
4) Il-post tat-twelid ta' C D: Pieta`, Malta
5) Il-post tar-residenza tiegħu meta twieled il-minuri: is-Siġġiewi
6) Isem u kunjom missieru: Joseph Mary D
7) Jekk il-missier patern kienx ħaj jew mejjet meta twieled il-minuri: Ħaj

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Jannar 2017, fejn l-attriċi ddikjarat illi l-kunjom li għandu jassumi l-minuri għandu jkun ta' "D B".

Ikkunsidrat:

## KONSIDERAZZJONIJIET

Illi kif dejjem irritjeniet il-Qorti, f'kawżi bħal dawn, il-provi xjentifiċi u ġenetiċi huma l-prova reġina u għalhekk il-Qorti tista'

---

[6] Fol. 50

[7] Fol. 61 et seq.

[8] Xiehda mogħtija fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2016, fol. 86

[9] Dawna jirriżultaw miċ-ċertifikat tat-twelid tal-istess Christian Cordona, fol. 47, min-nota esebita fol. 46 u wkoll mix-xhieda tal-attur mogħtija quddiem il-Qorti fl-14 ta' Jannar 2015, fol. 52.

[10] Kopja tal-karta tal-identita` tinsab esebita fol. 63

tiddependi fuqhom mingħajr analiżi ta' provi oħra u cioe jekk l-attriċi possibilment kellhiex relazzjonijiet sesswali ma' rġiel oħra, oltre l-konvenut D, fiż-żmien tal-konċepiment tal-minuri S.

Fil-każ odjern, jirriżulta mill-istess testijiet ġenetiċi illi effettivament il-minuri S Lloyd Gilbert huwa l-wild naturali u bijoloġiku tal-konvenut C D.

It-test xjentifiku, hekk kif ikkonfermat bil-ġurament, jelimina kull dubju dwar il- paternita' tal-minuri. Għaldaqstant, il-provi miġjuba quddiem din l-Onorabbli Qorti juru bl-aktar mod ċar u inekwivoku li S Lloyd Gilbert huwa l-wild naturali tal-intimat C D. Illi għalhekk il-Qorti tara li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tilqa' it- talbiet attriċi.

**DEĊIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi u tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur tar-Reġistru billi:-

1. Tiddikjara illi l-intimat C D huwa l-missier bijoloġiku tal-minuri S Lloyd Gilbert, imwieled fl-24 ta' Mejju 2010;

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri S Lloyd Gilbert fid-dettalji ta' missier it-tarbija, huwa jħassar il-kliem "missier mhux magħruf" u minflok iniżżel id-dettalji tal-intimat C D, detentur tal-karta tal-Identita` Maltija bin-numru 348888(M), li meta twieled il-minuri kellu wieħed u għoxrin (21) sena, imwieled fil-Pieta` u residenti s-Siġġiewi u huwa iben Joseph Mary D li kien ħaj fil-mument tat-twelid tal-minuri.

3. Tordna illi l-minuri S Lloyd Gilbert ikun magħruf bil-kunjom D B; u għaldaqstant id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku qed

jiġi ordnat iniżżel annotazzjoni ta’ din id-deċiżjoni fuq l-att tat-twelid tal-minuri.

Bl-ispejjeż, inkluż dawk tat-testijiet tad-DNA relattivi, ikunu sopportati b’mod ugwali mill-attriċi A B u l-konvenut C D.